***- MANDAT TA' INIBIZZJONI –***

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## IMHALLEF

## ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

## Digriet tallum il-Hamis, 27 ta' Lulju 2017

**Rikors Numru: 957/2017/LSO**

**Rikors ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 957/2017/LSO fl-ismijiet:-**

**Raymond Avallone karta tal-identita` numru, 368354M, f' ismu propju u bhala direttur u ghan-nom tas-socjeta' Ray's Car Hire Limited (C-11398)**

**vs**

**L-Awtorita` ta' l-Ippjanar**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors ipprezentat mir-rikorrenti Raymond Avallone karta tal-identita` numru 368354M, f'ismu proprju u bhala direttur u ghan-nom tas-socjeta' Ray's Car Hire Limited (C-11398) datat it-28 ta' Gunju 2017 fejn jinghad bil-qima u jigi kkonfermat bil-gurament :

Illi l-esponenti ghandu interess li jitharsu l-jeddijiet tal-esponenti;

Illi l-esponenti, sabiex jikkawtela d-drittijiet tieghu, jixtieq izomm l-intimati milli -

tisma' u tiddeciedi l-applikazzjoni PA7819/16 sottomessa minn Raymond Bonavia u intiza sabiex jkun hemm "*Construction of basement parking, showrooms, offices and ancillary facilities*", u liema applikazzjoni hija appuntata ghas-smigh u ghad-decizjoni quddiem il-Kummissjoni ta' l-Ippjanar ta' l-Awtorita ta' l-Ippjanar ghal nhar **it-Tnejn 3 ta' Lulju 2017.**

Illi r-rikorrent huwa s-sit ta' binja li tinsab fi Triq l-Imdina, Zebbug, u liema binja hija, fost l-ohrajn, koperta bil-permess numru PA 6461/03. Illi l-proprjeta` tar-rikorrent tinsab fis-sit immarkata bhala A fuq l-annessa pjanta

filwaqt illi s-sit li fuqha saret l-applikazzjoni li minnha qieghed jilmenta r-rikorrenti hija dik immarkata B fuq l-annessa pjanta.

Illi meta r-rikorrent applika u ottjena l-permess ghall-binja tieghu, l-Awtorita` ta' l-Ippjanar, li llum issuccediet fid-drittijiet u l-obbligi taghha l-Awtorita` intimata, imponiet fuqu obbligu li jhalli zona mis-sit tieghu, mhux mibnijja ta' tliet metri ma' tul in-naha tal-punent tas-sit tieghu kollu, u dan peress illi s-sit tar-rikorrent kien ikkunsidrat bhala *end of scheme plot,* u b'hekk l-i*scheme* ma tispiccax b'hajt ta' appogg mikxuf. Illi r-rikorrent bena is-sit tieghu b'dan il-mod.

Illi permezz ta' emenda fil-Pjan Lokali fis-sena 2006, iz-zona in kwistjoni giet ikkunsidrata bhala *Area of Containment,* izda l-linja ta' tali *Area of Containment* giet estiza fuq in-naha tal-punent tas-sit proprjeta` tar-rikorrent u b'hekk, fl-istess *Area of Containment* gie inkluz sit illi sal-lum ghadu mhux zviluppat, u li fuqu saret l-applikazzjoni mertu tal-kaz odjern;

Illi permezz ta' applikazzjoni PC 55/10, l-Awtorita` bdiet il-process sabiex iz-zona kollha koperta b'din l-*Area of Containment* tigi *zoned,* inkluz is-sit li zdied fuq in-naha tal-Punent.

Illi r-rikorrent kien diga` ressaq l-oggezzjonijiet tieghu ghall-mod li bih tali *Area of Containment* giet estiza li tinkludi sit li ma kienx zviluppat, oltre riservi procedurali ohra.

Illi skont decizjoni mehuda mill-Awtorita` ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, li llum issuccediet fid-drittijiet u l-obbligi taghha l-Awtorita` intimata, u tenut ukoll kont tal-fatt illi l-istess Awtorita` kienet imponiet obbligu fuq r-rikorrent li ma jizviluppax tliet metri ma' tul in-naha tal-punent tas-sit tieghu kollu, is-sit li sal-lum ghadu mhux zviluppat u li kien inkluz fl-*Area of Containment* u li fuqu saret l-applikazzjoni mertu tal-vertenza odjerna, gie dezinjat bhala *Undeveloped Open Space.*

Illi skont dak provdut fl-artikolu 58 tal-Kap. 504 tal-Ligijiet ta' Malta, tali decizjoni giet riferuta lill-Ministru Responsabbli mill-Ambjent sabiex dana jiehu decizjoni fuq dak deciz miil-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar.

Illi s-Segretarju Parlamentari ghall-Ippjanar u Simplifikazzjoni Amministrattiva, u mhux il-Ministru responsabbli mill-Ambjent, permezz ta' *position statement* datat 6 ta' Jannar 2015, ikkummenta fuq l-istess decizjoni, u, skont ma jifhem r-rikorrent, baghat lura d-decizjoni mehuda mill-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u dan sabiex dina` terga' tiehu decizjoni mill-gdid.

Illi permezz ta' decizjoni mehuda mill-istess Awtorita` bil-bibien maghluqa, l-Awtorita` bidlet id-decizjoni precedenti taghha u nehhiet i*z-zoning* ta' *Undeveloped Open Space* fuq is-sit li ghandu mhux zviluppat fl-*Area of Containment,* u li huwa s-sit li fuqu qieghda ssir l-applikazzjoni mertu tal-

kaz odjern, u approvat *zoning* ta' zvilupp ta' bini kummercjali jew industrijali ta' gholi ta' 10.5 metri.

Illi effettivament dan ifisser illi t-tliet metri ma' tul in-naha tal-punent tas-sit kollu proprjeta` tar-rikorrent inzammew mhux zviluppati ghalxejn, u dan b'detriment u ghad-dannu tal-istess protestant.

Illi huwa inkoncepibbli kif l-istess Awtorita` li imponiet tali restrizzjoni fuq ir-rikorrent issa, minghajr l-ebda spjegazzjoni, taqbad u tiddeciedi b'mod li bih trendi tali impozizzjoni maghmula minnha stess inutili, bil-konsegwenzi kollha li tali decizjoni ggib maghha.

Illi dan oltre l-fatt, proceduralment, tali decizjoni ittiehdet bi ksur tal-provvedimenti taI-artikolu 58 tal-Kap. 504 tal-Ligijiet ta' Malta, u fuq *position statement* li certament huwa ambigwu u minghajr l-ebda direzzjoni specifika u mahrug minghajr l-awtorita` tal-Ministru responsabbli taht il-provvedimenti tal-Kap. 504 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan oltre l-fatt illi l-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, bid-decizjoni taghha, li tmur kontra dak provdut fl-artikolu 58 tal-Kap. 504 tal-Ligijiet ta' Malta, u b'decizjoni mehuda bil-bibien maghluqa u minghajr l-ebda motivazzjoni, ikkagunat danni ingenti lir-rikorrent.

Illi dan kollu huwa mertu ta' kawza pendent quddiem dina l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet **Avallone pro et. noe vs. Onor. Prim Ministru et.** (Rikors 1031/2015 MC) li tinsab differita ghall-5 ta' Ottubru 2017, fejn ir-rikorrenti qeghdin

jikkontestaw il-validita` tad-decizjoni mehuda mill-Awtorita` fuq il-PC 55/10.

**Illi l-applikazzjoni PA 7819/16 li hija l-mertu tal-kaz odjern hija kompletament ibbazata fuq dak deciz fil-PC 55/10.**

Illi r-rikorrent diga` ressaq l-oggezzjoni tieghu ma' l-Awtorita` fejn informa lill-Awtorita` bil-proceduri pendenti quddiem dina l-Onorabbli Qorti rigward il-validita` tal-PC 55/10. Izda l-pozizzjoni ta' l-Awtorita` anke kif riflessa ufficjalment fil-Case Officer Report (Anness) hija illi "*The proposed development is being assessed in terms of PC 55/10, since it is an approved dokument*".

Illi huwa ghaldaqstant car illi l-Awtorita` ma tqisx illi l-proceduri quddiem dina l-Onorabbli Qorti attwalment pendenti b' xi mod jaffettwaw il-processi taghha *stante* illi l-Awtorita` ser timxi fuq il-PC 55/10 li attwalment huwa process approvat.

Illi huwa car illi jekk il-permess ta' l-applikant Bonavia jigi approvat, ir-rikorrenti ser isofru dannu irrimedjabbli *stante* li l-unika rimedju li jezisti taht il-Kap. 552 li permezz tieghu permess approvat jista' jigi rtirat huwa dak provdut fl-artikolu 80. U l-ebda wahda mill-aggravvji kontemplati fl-artikolu 80 tal-Kap 552 ma tapplika ghall-kaz odjern.

Illi l-artikolu 80 jipprovdi:

*"80. (1) Il-Bord tal-Ippjanar jista' biss -*

*a) fil-kazijiet ta' frodi; jew*

*b) meta jkun hemm is-sottomissjoni ta' xi informazzjoni, dikjarazzjoni jew pjanta li hija inkorretta jew li ma tirriflettix is-sitwazzjoni fuq is-sit; jew*

*c) fejn hemm zball f'dokument li jidher minn ezami tal-istess dokument; jew*

*d) fejn is-sigurta` pubblika hija koncernata,*

*b 'decizjoni jirrevoka jew jibdel kull permess ghall-izvilupp moghti taht dan l-Att, inkluza kull awtorizzazzjoni mahruga mill-Bord tal-Ippjanar skont xi Ordni, filwaqt li fid-decizjoni jaghti r-ragunijiet tieghu u jrid jindika b 'mod car il-bazi legali tar-revoka ghal dik id-decizjoni."*

Illi l-anqas rimedju quddiem it-Tribunal ta' revizjoni dwar l-Ambjent u l-Ippjanar ma jista' jkun ta' soluzzjoni *stante* illi skont l-artikolu 22 tal-Kap. 551, appelli minn terzi iridu jkunu fuq *"environmental and, or planning considerations".* Illi certament li t-Tribunal m'ghandux il-*vires* li jistabbilixxi l-validita` *o meno* ta' permess a bazi ta' jekk PC *application* li issetjat il-*policy* li fuqha l-istess permess gie approvat, hijiex valida jew le.

Illi ovvjament is-sitwazzjoni tkompli taggrava ruhha jekk l-applikant li a favur tieghu jkun inhareg il-permess jibda

jattwa dak il-permess u jibni l-izvilupp hemm approvat. Is-sitwazzjoni tar-rikorrenti tkompli tigi ferm izjed irrimedjabbli.

**Illi *stante* li l-applikazzjoni PA 7819/16 hija appuntata sabiex tinstema' u tigi deciza ghal nhar it-Tnejn 3 ta' Lulju 2017, ikun opportun illi dina l-Onorabbli Qorti tilqa' dan il-mandat provizorjament.**

Rat id-digriet tat-28 ta' Gunju 2017 fejn il-Qorti laqghet it-talba provizorjament u appuntat l-istess Mandat ta' Inibizzjoni ghas-smigh ghas-6 ta' Lulju 2017, u ordnat in-notifika tal-istess rikors lill-kontro-parti b'erbat ijiem (4) zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta tal-Awtorita` tal-Ippjanar datata 3 ta' Lulju 2017 fejn oggezzjonat ghat-talba billi ma jezistux l-elementi mehtiega ghall-hrug tal-mandat *de quo* ghar-ragunijiet hemm spjegati.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta tas-6 ta' Lulju 2017 fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr Ian Stafrace u Dr Stephen Thake ghar-rikorrenti u Dr Ian Borg ghall-Awtorita` tal-Ippjanar. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet, liema trattazzjoni giet registrata fuq is-sistema eletronika. Ir-rikors gie differit ghal digriet kamerali.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha pprezentati.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET:

Illi permezz ta' dan il-kaz, ir-rikorrent qed jitlob li l-Awtorita` tal-Ippjanar tigi inibita milli tisma' u tiddeciedi l-applikazzjoni PA7819/16 sottomessa minn Raymond Bonavia u intiza sabiex jkun hemm "*Construction of basement parking, showrooms, offices and ancillary facilities*", u liema applikazzjoni hija appuntata ghas-smigh u ghad-decizjoni quddiem il-Kummissjoni ta' l-Ippjanar ta' l-Awtorita ta' l-Ippjanar ghal nhar **it-Tnejn 3 ta' Lulju 2017**.

L-Awtorita` tal-Ippjanar opponiet ghat-talba. Illi f'din ir-risposta kopjuza u dettaljata munita b'diversi riferenzi ghall-kazistika tal-Qrati nostrali, l-Awtorita' rribattiet *inter alia* li l-PC *Application* numru PC55/10 giet approvata mill-Ministru u li dawn il-proceduri ma jistghux jintuzaw biex jigu kkontestati *planning policies* stabbiliti u li huma gja fatti kompjuti.

Inoltre ghal dak li jirrigwarda l-proceduri odjerni, irribattiet li kull applikazzjoni li tircievi l-Awtorita' ghandha tigi kunsidrata, mistharrga, determinata u finalizzata u li din il-Qorti ma tistax tassumi l-funzjoni tal-istess Awtorita'. Tghid ukoll li l-Kummissjoni jew il-Bord tal-Ippjanar skont il-kaz, huma obbligati li jqiesu u jikkonsidraw ir-rapprezentazzjonijiet kollha li jitressqu quddiemha minn terzi persuni interessati, u cioe`, l-kwistjoni jekk l-izvilupp propost huwa tabilhaqq imsejjes fuq il-parametri stabbiliti mill-PC55/10 kif ukoll rapprezentazzjonijiet ta' natura legali u/jew procedurali, bhal ma hu fil-kaz odjern, jekk il-

proceduri gudizzjarji istitwiti mir-rikorrent ghandhomx jew le jeffettwaw l-ezitu tad-decizjoni dwar l-applikazzoni PA 7819/16.

Inoltre r-rapport mahrug mid-Direttorat tal-Ippjanar (DPAR huwa biss rakkommandazzjoni ghall-approvazzjoni fejn hemm espress il-fehma tad-Direttorat tal-Ippjanar fuq l-izvilupp propost filwaqt li l-Kummissjoni, ghalkemm hija marbuta li tikkonsidraha, mhix marbuta bl-istess rapport. Inoltre r-rikorrent huwa liberu li jaghmel is-sottomissjonijiet tieghu.

Taghmel referenza wkoll ghall-**artikolu 11(3) tal-Kap 551 tal-Ligijiet ta' Malta**[1] li jipprovdi li fi proceduri ghall-appell quddiem it-Tribunal minn decizjonijiet tal-Awtorita' l-appell:

*"jista' jiġi ppreżentat fuq kwalunkwe raġuni inkluż:*
*(a) li sar żball materjali dwar il-fatti;*
*(b) li kien hemm żball proċedurali materjali;*
*(ċ) li sar żball ta' liġi."*

Inoltre mit-Tribunal jista' ssir appell quddiem il-qorti tal-Appell (sede inferjuri) fuq punti ta' ligi.[2]

Ghalhekk teccepixxi wkoll li t-talba odjerna hija intempestiva billi wiehed ma jistax jiddetermina x'ser ikun il-pregudizzju li jista' isofri r-rikorrenti qabel mal-applikazzjoni tigi pprocessata skont il-Ligi.

[1] L-Att dwar it-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar
[2] L-artikolu 50 tal-Kap 551 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Rizultanzi fattwali:**

Illi r-rikorrent kien ottjena permess ghall-kostruzzjoni fuq sit tieghu b'kondizzjoni li jhalli zona mis-sit tieghu mhux mibnija ta' tliet metri ma' tul in-naha tal-punent tas-sit tieghu kollu. Illi sussegwentement, permezz ta' applikazzjoni PC 55/10, l-Awtorita` bdiet il-process sabiex iz-zona kollha koperta b'din l-*Area of Containment* tigi *zoned,* inkluz is-sit li zdied fuq in-naha tal-Punent. L-applikazzjoni PA 7819/16 li hija l-mertu tal-kaz odjern hija bbazata fuq dak deciz fil-PC 55/10.

Jirrizulta, li permezz ta' kaz pendenti quddiem din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Raymond Avallone pro et. noe vs. Onor. Prim Ministru et.** (Rikors 1031/2015 MC) li tinsab differita ghall-5 ta' Ottubru 2017, ir-rikorrenti qeghdin jikkontestaw il-validita` tad-decizjoni mehuda mill-Awtorita` fuq il-PC 55/10. Ghalhekk permezz tar-rikors in ezami, r-rikorrent qed jikkontendi li jekk jinhareg il-permess PA7819/16 hu jigi ppregudikat irrimedjabilment, kwindi qed jipprocedi biex jinhareg dan il-Mandat ta' Inibizzjoni referibbilment ghas-smigh u d-decizjoni quddiem il-Kummissjoni tal-Ippjanar tal-Awtorita` tal-Ippjanar.

**Dritt:**

Skont l-**artikolu 873(1) tal-Kap 12**, l-iskop ta' mandat ta' inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat. Skont l-artikolu 873(2) tal-Kap 12, il-Qorti m'ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx

sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li r-rikorrent *prima facie* jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.

Ghalhekk, bil-ligi, jehtieg li jigu sodisfatti zewg kriterji. L-ewwel kriterju hu li jrid juri li l-mandat hu mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet pretizi mir-rikorrent, tant li bin-nuqqas tal-hrug tieghu ir-rikorrent ser isofri pregudizzju.[3] It-tieni kriterju hu li r-rikorrent ikun jidher li ghandu *prima facie* dawk il-jeddijiet.[4] L-insenjament tal-gurisprudenza huwa kostanti f'dan ir-rigward. Fil-fatt, fil-kaz **Mugliette vs Bonnici**, (deciz mill-P.A. fil-25 ta' Jannar 2005) inghad:

*"Illi bil-ligi jehtieg li r-rikorrent juri zewg hwejjeg biex ikun jisthoqqlu jikseb il-hrug ta' Mandat bhal dak. L-ewwel haga li jrid juri hi l-mandat hu mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet pretizi mir-rikorrent. It-tieni haga hi li r-rikorrent jidher li ghandu mad-daqqa t'ghajn (prima facie) dawk il-jeddijiet. Minn kliem il-ligi nfisha iz-zewg elementi huma kumulattivi u mhux alternattivi. Jekk xi wiehed minn dawn l-elementi ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghall-hrug ta' mandat bhal dak. Siewi wkoll li wiehed izomm quddiem ghajnejh li l-procedura li hija mahsuba biex titqies talba bhal din hija wahda sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bhal dak kull ma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigh tal-kawza dwar l-istess jedd."*

[3] Ara f'dan is-sens "**Grech proprio et nomine vs Manfre`**" – A.C. – deciza fl-14 ta' Lulju 1988 Vol. LXXII.ii.290; u "**40 Main Street Catering Establishment Limited vs L-Awtorita` tal-Ippjanar**" (P.A. (RCP) – deciza fit-2 ta' Novembru 2010).

[4] Ara f'dan is-sens "**Emanuel Sammut vs Josephine Sammut**", P.A. (TM) deciza fil-5 ta' Gunju 2003.

Il-jedd *prima facie* jrid ikun jedd, anke jekk *prima facie* biex jimmerita harsien. Illi mhux bizzejjed li jkun semplici diffikulta`, disagju jew thassib (ara **Cassar Pullicino noe vs Caruana Curran noe et** – Qorti tal-Kummerc – 26 ta' Mejju 1995 (Kollez.Vol. LXXIX.iv.1378). Proprju dwar dan l-element tal-jedd *prima facie*, il-Qorti tal-Appell fil-kaz **Grech proprio et noe vs Manfre`** (kollez Vol. LXXII.ii.290) irriteniet:

*"….huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat."*

*In vista* tal-principji assodati fil-gurisprudenza, il-kriterji stabbiliti huma oggettivi u fl-applikazzjoni tal-ligi dwar kif u meta ghandu jinhareg mandat, il-Qorti ghandha tuza interpretazzjoni restrittiva. Dan ghaliex il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni bhal kull mandat kawtelatorju jsir fiz-zmien meta l-pretensjoni ma tkunx ghadha giet guridikament accertatata u stabbilita.

Premess ukoll li dawn iz-zewg kriterji huma kumulattivi u mhux alternattivi u jekk xi wiehed minn dawn iz-zewg elementi ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghall-hrug ta' Mandat. (artikolu 873(2) tal-kap 12) – Ara – "**Mary Borg vs Kummissarju tal-Artijiet**"- P.A. (JRM) - 15 ta' Dicembru 2008, "**The Golden Sheperd Group Limited vs Enemalta Corporation**" (P.A. (RCP) – 17 ta' Marzu 2009), u **Jeffrey Farrugia vs Il-Kummissarju tal-Artijiet et** P.A. (JZM) – 18 ta' Frar 2013.

Inolte tenut kont tal-fatt li s-subinciz (2) huwa marbut mas-subinciz (1) tal-artikolu 873 tal-Kap 12, il-Qorti trid tqis ukoll l-element tal-pregudizzju. Rikonoxxut il-jedd *prima facie* tar-rikorrent, il-grad ta' pregudizzju rikjest ghall-hrug tal-mandat irid ikun pregudizzju irrimedjabbli.

Jigi ritenut ukoll, li din hija mizura ta' natura eccezjonali, b'dan li jkun hemm il-biza' li jekk ma jinharigx tali mandat id-dritt tar-rikorrent jintilef ghal dejjem. (Ara **Charles Mugliett vs Saviour Bonnici** P.A. (JRM) deciza fil-25 ta' Jannar 2005; u **40 Main Street Catering Establishment Limited vs L-Awtorita` tal-Ippjanar**", P.A. (RCP) – 2 ta' Novembru 2010).

Hawnhekk, ta' min ighid ukoll li jekk l-inkonvenjent jew dak lamentat jista' jitnehha b'decizjoni wara li jigi mistharreg il-kaz fil-mertu, jigi nieqes dan l-element mehtieg ghall-hrug tal-Mandat (Ara **Av. Victor Borg Grech vs Joseph Gasan et** noe. P.A. – 2 ta' Jannar 1993).

Madanakollu ghandu jinghad ukoll li tqis, normalment, fi proċedura bħal din, li l-Qorti ma tistħarriġx "eċċezzjonijiet preliminari" li l-parti intimata tqajjem biex iżżomm l-istħarriġ li jmissha tagħmel il-Qorti biex tara jekk għandhiex jew le tilqa' t-talba għall-ħruġ tal-Mandat. Dan jingħad għaliex it-tiftix li trid tagħmel il-Qorti għas-siwi ta' talba għall-ħruġ ta' Mandat ma għandux jitfixkel jew jitwaqqaf b'indaġni dwar kwistjonijiet ta' eċċezzjonjiet preliminari, jekk mhux għax

jirriżulta xi difett fil-ħtiġijiet jew fil-forma li l-liġi titlob minn Mandat bħal dak.[5]

Inoltre l-fatt li tintlaqa' talba ghall-hrug ta' Mandat, m'ghandux ifisser li l-jedd huwa ppruvat. Kif daqstant iehor m'ghandux ifisser li jekk il-hrug tal-mandat ikun michud allura l-jedd pretiz ma jezistix. Mhux kompitu ta' din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu. Dan kollu qed jinghad sabiex il-kontendenti jifhmu li l-mansjoni ta' din il-Qorti mhuwiex li tiddeciedi finalment dwar il-pretensjonijiet taghhom fil-mertu izda huwa limitat u cirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-ligi sabiex ikun operattiv.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-materja partikolari tal-kaz odjern kif inhu magħruf sewwa, din il-Qorti m'għandhiex is-setgħa li tissostitwixxi d-diskrezzjoni tagħha minflok dik tal-organi eżekuttivi li l-leġiżlatur ikun ikkonferixxa fuqhom is-setgħat meħtieġa għall-ammministrazzjoni pubblika. Il-Qorti tista' biss, skont id-dispożizzjonijiet **tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12,** tħassar deċiżjonijiet amministrattivi meta dawn ma jkunux saru *rite et recte* u tieqaf hemm. U dan lanqas tista' tagħmlu dejjem u f'kull każ, imma biss b'mod residwali, sekondarju u sussidjarju, f'dawk il-każijiet biss meta l-liġi ma tipprovdix quddiem xi Tribunal jew Qorti oħra il-mod ta' kontestazzjoni jew ta' ksib ta' rimedju dwar xi att amministrattiv partikolari (Artikolu 469A(4) Kap. 12) (**Trafalgar Company Limited et. v l-Awtorita' tal-Ippjanar et. -** PA - deciz fis-27 ta' Mejju 2016 - MI 694/2016/LM).

---

[5] App. Ċiv. **11.5.1962** fil-kawża fl-ismijiet ***Sammut vs Sammut et*** (Kollez. Vol: **XLVI.i.242**)

if intqal ukoll mill-Qorti tal-Appell fil-kawża **John Cauchi vs. Chairman Awtorità tal-Ippjanar** (5 ta' Ottubru, 2001):

"*L-imsemmi sub-artikolu (4) tal-artikolu 469A espressament jisvesti l-Qrati ordinarji mill-ġurisdizzjoni mogħtija lilhom bis-sub-artikolu (1) tal-istess artikolu 469A li jistħarrġu ġudizzjarjament deċiżjonijiet amministrattivi, fuq fatti u konsiderazzjonijiet li jkunu diġà ġew mistħarrġa u deċiżi minn bordijiet, tribunali jew Qrati li jkunu twaqqfu, jew ġew inkarigati ad hoc mil-leġislatur b'xi ligi speċjali biex appuntu jinvestigaw u jiddeċiedu kwistjonijiet tekniċi jew legali imsemmija fl-istess liġi speċjali.*"

**Trattazzjoni:**

Gie sottomess mill-avukat difensur tar-rikorrent, li permezz tal-kaz pendenti, Rik.Nru.1031/2015MC, il-kwistjoni tal-validita` *o meno* tad-decizjoni mhijiex biss fuq konsiderazzjonijiet ta' dritt izda hemm kwistjonijiet ohrajn ta' dritt sostantiv *stante* li f'dak il-kaz li l-firma awtorizzata hija tas-Segretarju Parlamentari u mhux tal-Ministru responsabbli. Ghalhekk, qed jinghad mir-rikorrent f'dak il-kaz, li l-approvazzjoni ghad-decizjoni hija difettuza.

Gie sostnut ukoll, li teknikament jezisti dritt ta' appell quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni, kif sottomess fir-risposta tal-intimat. Izda, r-rikorrent qed isostni li hu qed jilmenta mill-bazi li fuqha l-applikazzjoni hija deciza u mhux mill-applikazzjoni *per se*. Ghalhekk, it-Tribunal ta' Revizjoni, li m'ghandux il-gurisdizzjoni li jissindika dak li ghamel, ser jirreferih ghall-Qorti ghar-rimedju.

Illi l-istess rikorrent sostna li ma jaghmilx sens li l-Awtorita` tibqa' ghaddejja xorta wahda bil-process tal-applikazzjoni u konsegwentement qed jigi sostnut mir-rikorrent li se jkun f'sitwazzjoni ta' pregudizzju irrimedjabbli jekk l-Awtorita` tipprocedi biex tesegwixxi, u jekk il-permess Nr. 7819/16 jigi approvat. Gie sottomess mill-avukat difensur tar-rikorrent, li l-Qrati Taghna kienu ferm kawti biex jintervjenu u jwaqqfu process ta' decizjoni. Izda ghalkemm, dik hija l-linja generali adottata mill-Qrati taghna, rrefera u esebixxa kaz recenti **Maria Arrigo et vs l-Awtorita`tal-Ippjanar**, (1401/2016 deciza mill-P.A. fis-27 ta' Ottubru 2016). Min-naha l-ohra, l-avukat difensur tal-Awtorita`rrileva li din is-sentenza tirreferi ghal cirkostanzi differenti li ma jifformawx parti mill-kaz in ezami.

Referibbilment ghall-artikolu 76 tal-Kap 552, l-avukat difensur tar-rikorrent irrefera ghall-hames subincizi indikati li l-Awtorita` ghandha tikkonsidra, li ma jinkludux il-validita` tal-*policy*, u mar oltre` biex ighid li hu ferm remot li l-Kummissjoni tal-Awtorita` tmur kontra dak dikjarat mill-avukat taghha stess peress li gie dikjarat fil-kawza dwar il-validita` mill-avukat difensur tal-Awtorita`, li l-*policy* hija valida. Illi wara li spjega l-procedura kif tigi approvata *policy* mill-Awtorita`, sostna li l-Awtorita` ma tistax minn jeddha tirrivedi d-decizjoni taghha stess a tenur tal-artikolu 76 tal-Kap 552.

Dwar dak rilevat fir-risposta tal-intimat dwar ir-rimedju tad-danni, l-avukat difensur tar-rikorrent sostna li dan ir-rimedju hu fil-fatt ezistenti, anke f'kaz li d-decizjoni PC55/10 tigi kkonfermata bhala valida, r-rimedju tad-danni jibqa'

disponibbli. Izda, l-pern tal-kwistjoni, hu jekk kemm-il darba d-decizjoni tigi dikjarata nulla, r-rikorrent mhuwiex interessat fid-danni bhala rimedju *stante* li dan ma jkunx rimedju adegwat.

L-avukat difensur tal-Awtorita` ssottometta li l-kontestazzjoni tal-validita` tal-PC 55/10 ma tistax tifforma bazi ghall-hrug tal-mandat *stante* li d-decizjoni in kwistjoni ttiehdet sentejn ilu, u hija konkjuza, u in *ogni caso*, l-validita` *o meno* tal-PC *application* tifforma parti mill-mertu ta' kaz pendenti quddiem din il-Qorti diversament preseduta.

Illi hemm nuqqas ta' qbil ukoll, dwar il-fatti kif indikati fil-premessi, billi qed jinghad li d-decizjoni ttiehdet mill-Ministru responsabbli u cioe mill-Ministru responsabbli li tahtu kien jaqa' d-dekasteru tal-MEPA li kien il-Prim Ministru. Minbarra hekk, l-argument tal-avukat difensur tal-Awtorita` hu li r-rikorrent qed jittenta jinqeda b'din il-procedura sabiex jottjeni pronunzjament fuq id-decizjoni fil-mertu. Ghalhekk, l-argument tal-intimat hu dirett lejn il-gurisprudenza nostrana li rriteniet ripetutivament li Mandat jinhareg ghal 'obbligazione di non fare' u mhux ghal decizjoni li nghatat sentejn ilu.

Gie sottomess ukoll, li hemm nuqqas ta' qbil dwar dak sostnut mir-rikorrent fit-trattazzjoni li l-Awtorita` ma tistax tikkonsidra din il-kwistjoni. Gie ritenut mill-intimat li dan mhuwiex minnu, u li l-Awtorita` hija obbligata tikkonsidra dak imressaq quddiemha mit-*third party objector*, u li r-rikorrent hu zbaljat meta qed ighid id-decizjoni diga ttiehdet

ghaliex ir-rikorrent qed jaghmel biss referenza ghall-*case officer's report* li ma jikkostitwix minnu nnifsu d-decizjoni.

L-avukat difensur tal-Awtorita` rrefera ghall-kaz citat fl-ismijiet **Trafalgar Company Limited et. v L-Awtorita` tal-Ippjanar** fejn, f'cirkostanzi simili ghal dawk in ezami, hemm pronunzjament dwar l-aspett ta' irremedjabbilta`, li minnha qed jilmenta r-rikorrent. *Di piu*`, gie sottomess ukoll, li jekk jinhareg il-permess fil-kaz PA 7819/16 r-rikorrent ghandu dritt iressaq l-oggezzjoni tieghu u ghandu wkoll dritt ta' Appell, quddiem it-Tribunal, u sussegwentement hemm id-dritt ta' Appell quddiem il-Qorti li jkun imsejjes fuq punt ta' dritt. Dak li r-rikorrent qed jilmenta minnu jaqa' fil-kompetenza tat-Tribunal. Gie rilevat li anke fl-eventwalita` li l-Awtorita' tilqa' l-applikazzjoni PA7819/16, hemm dritt ta' appell stabbilit fil-ligi, l-artikolu 11 tal-Kap 551.

Min-naha l-ohra l-avukat difensur tar-rikorrent qed jindika l-artikolu 22 tal-Kap 551 tal-Ligijiet ta' Malta, li jghid manifestament car, li meta terza persuna jressaq appell minn permess, dak l-appell irid jinkwadrah fuq punti tal-ippjanar jew punti ambjentali, mhux procedurali.

Applikati dawn il-principji ghall-kaz odjern, il-Qorti ser taghmel is-segwenti kostatazzjonijiet.

**Jedd *'Prima facie'***

Il-Qorti f'dawn il-proceduri mhix mitluba li tara x'jeddijiet għandhom ir-rikorrent iżda *ai termini* tal-Artikolu 873 tal-Kap. 12 trid tara oġġettivament jekk ir-rikorrent għandux pretensjoni ta' jedd. Mhux il-kompitu tal-Qorti fl-atti tal-

Mandat tara jekk il-jedd pretiż hux suxxettibbli għal suċċess fl-azzjoni fil-mertu, iżda biss jekk il-jedd pretiż jikkwalifikax bħala tali għall-finijet oġġettivi tal-liġi.[6]

Illi r-rikorrent qed jittenta jwaqqaf lill- Awtorita` intimata milli tkompli tisma' u tiddeciedi l-applikazzjoni PA7819/16 sottomessa minn Raymond Bonavia, appuntata ghas-smigh u ghad-decizjoni quddiem il-Kummissjoni ta' l-Ippjanar ta' l-Awtorita ta' l-Ippjanar ghal nhar it-Tnejn 3 ta' Lulju 2017.

Huwa minnu li l-Awtorita' intimata ghamlet riferenza kopjuza ghall-gurisprudenza moghtija mill-Qrati Maltin[7] izda l-kawzi ccitati ma jirrigwardawx il-validita' ta' *policy* in kwistjoni imma kwistjonijiet teknici, jew il-modalita' tal-applikazzjoni tal-istess mill-Awtorita', imma li jibqghu dejjem *policies* li ma kienux monki minn element mehtieg *ad validitatem*. Ghalhekk il-Qrati dejjem u gustament irritenew li ma jistghux jissostitwixxu d-diskrezzjoni taghhom ghal dik ta' l-Awtorita' u certament mhux qabel mal-Awtorita' tezercita' tali diskrezzjoni. Il-kaz odjern huwa ghal kollox distint billi l-*policy* PC55/10 qed jigi kkonsidrat bhala *approved policy* mill-Awtorita' u moghtija l-effetti kollha taghha mill-istess Awtorita'.

---

[6] PA 27.11.2014 - **Josephine Camilleri, Mary Mifsud, Emanuel Camilleri, Victoria Saliba u Paul Camilleri vs. Giuseppe Camilleri sive Joseph**

[7] **Trafalgar Company Limited et vs l-Awtorita' tal-Ippjanar et** citata *ante;* **Trafalgar Company Limited et vs l-Awtorita' tal-Ippjanar et - MI498/17/LM - deciz fit-18 ta' April 2017; Jonathan Buttigieg vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar -** MI 46/2016AE - deciz fid-29 ta' Jannar 2016; **Flimkien ghall-Ambjent Ahjar et vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar et** - MI 935/16 JRM - deciz fit-20 ta' Gunju 2016; **Anthony Cassar et vs Awtorita' tal-Ippjanar -** MI 480/2017/1MH - deciz fl-24 ta' April 2017; **Flimkien ghall-Ambjent Ahjar et vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar et** - MI 978/16/JRM - deciz fit-22 ta' Lulju 2016; u **Mario Micallef et vs l-Awtorita` tal-Ippjanar -** MI 479/2017/MH - deciz fl-24 ta' April 2017.

Illi r-rikorrent da parti tieghu, ghamel riferenza ghad-digriet moghti minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fl-ismijiet **Maria Arrigo et. v L-Awtorita' tal-Ippjanar** (MI 1401/2016/AF- dec fis-27 ta' Ottubru 2016 fejn il-Qorti intalbet li zzomm lill-Awtorita' milli tipprocessa talba ghall-hrug ta' permess ta' zvilupp billi sostnew li fl-applikazzjoni inghatat informazzjoni qarrieqa.

Illi izda l-Qorti f'dak il-kaz, laqghet it-talba ghaliex ikkonsidrat li l-fattispecie tal-kaz "*huma partikolarissimi*" u qieset li jekk l-Awtorita' tissokta tikkonsidra l-applikazzjoni tkun qed tappoggja dikjarazzjoni manifestament inveritiera. Din hija materja ghal kwantu differenti mill-kaz odjern u kien jidher car li l-Qorti f'dak id-digriet ma riedetx testendi oltre c-cirkustanzi partikolari tal-kaz.

Ikkonsidrat li mhuwiex bizzejjed li r-rikorrent ikollu interess guridiku biex jittenta b'success talba ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni, li hija procedura eccezzjonali, imma jehtieg ukoll li d-dritt pretiz huwa kapaci li jigi mistharreg f'gudizzju quddiem Qorti[8]. Hekk kif gie ribadit fil-kaz **Nutar Dr. Giuseppe Sammut noe v Frank Scicluna et**:

*"Ghad-differenza ta' mandati kawtelatorji ohrajn, rigward il-mandat kawtelatorju ta' inibizzjoni l-ligi tezigi zewg kondizzjonijiet cioe` li l-Qorti li lilha jsir ir-rikors tkun sodisfatta illi l-mandat hu necessarju ghall-konservazzjoni*

[8] Ara App. Ċiv. **2.6.1969** fil-kawża fl-ismijiet **Nutar Dr Giuseppe Sammut noe vs Frank Scicluna et** (mhix pubblikata) u P.A. PS **27.6.2003** fil-kawża fl-ismijiet **Victor Vassallo vs Edwin Bartolo noe et** (mhix appellata)

*tad-dritt li in kawtela tieghu l-mandat jintalab u li prima facie dak id-dritt jidher li jispetta lil min jitolbu. Peress illi l-ligi tezigi li min johrog il-mandat hu obbligat li fiz-zmien qasir preskritt jiddeduci b'kawza l-jedd imsemmi fil-mandat, din il-Qorti hi tal-fehma illi ma jkunx jista' jinghad, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat, illi d-dritt prima facie jispetta lir-rikorrent jekk prima facie ikun jidher fl-istess hin illi l-pretensjoni dwar dak l-istess dritt m'hix kapaci li tigi dedotta in gudizzju quddiem il-Qorti ... Fi kliem iehor il-Qorti tal-Kummerc kienet tkun gustifikata li tirrifjuta l-hrug tal-mandat ghal dik ir-raguni."*

Illi fil-kaz odjern, ir-rikorrent ippremetta mhux biss li sofra jew jista' isofri danni minhabba l-agir allegatament lesiv tal-Awtorita', imma li l-bazi legali ghall-*policy* PC55/10 sahansitra hija karpita b'nullita' billi hija nieqsa mill-awtorizzazzjoni mehtiega *ad validitatem* tal-Ministru responsabbli ghall-ambjent skont l-artikolu 58 tal-Kap 504 tal-Ligijiet ta' Malta.[9] Infatti huwa intavola proceduri fejn qed jikkontesta l-validita' tad-decizjoni mehuda mill-Awtorita' abbazi ta' PC55/10 u dan *ai termini* **tal-artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi dan il-punt mhuwiex accettat mill-Awtorita', li anzi, ssostni li l-*policy* ittiehed validament mill-Ministru responsabbli u esebixxiet kopja tar-risposta guramentata taghha fl-atti tal-kawza pendenti, fejn hemm eccezzjoni proprju f'dan is-sens, Tant li ssottomettiet li l-*policy*

[9] L-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Izvilupp fejn "il-Ministru" skont l-art.2 tal-Att huwa dak responsabbli ghall-ambjent.

PC55/10 jirraprezenta fatt kompjut li certament ma jistax jigi milqut bil-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni.

Illi l-intimata ghandha ragun meta tirribatti li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni ma tagħtix lok għal *specific performance*, iżda għal rimedji oħrajn.[10] Wara kollox, il-Mandat ta' Inibizzjoni ma jistax ħlief jirrigwarda obbligazzjoni *di non fare*[11].

Illi bhala punt ta' fatt jigi notat li l-ebda wiehed mill-partijiet ma esebixxa kopja tal-*policy* li qed jigi impunjat izda kien jinkombi fuq ir-rikorrent li jressaq tali prova dwar il-PC55/10. Din il-qorti tippreciza li huwa pacifiku li talba ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni m'ghandhiex tintlaqa' fejn jezisti rimedju ghad-danni, izda f'dan il-kaz, fejn il-validita' stess ta' att amministrattiv qed tigi impunjata, ir-rikorrent ghandu r-rimedju li tali att jigi dikjarat null u bla effett mill-Qorti kompetenti wara stharrig approfondit fil-mertu. Ghalhekk ma jistax jinghad li tali proceduri huma semplicement dikjaratorji ghaliex huma immirati li jaghtu rimedju effikaci u konkret li sahansitra twaqqaf lill-Awtorita' milli tkompli tapplika dik il-*policy* gjaladarba jigi dikjarat null.

Illi anke fl-assenza tad-dokument PC55/10, din il-Qorti tqies li jezisti dritt *prima facie* ghat-talba odjerna . F'kull kaz l-istharrig dwar il-validita' tal-*policy* dejjem ghanu jsir fil-proceduri gudizzjarji fil-mertu u mhux minn din il-Qorti.

---

[10] Ara Kumm. **22.9.1994** fl-Att tar-Rikors fl-ismijiet ***Anġelo Xuereb vs Marin Ħili***
[11] P.A. **23.4.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Żerafa vs Buħaġiar*** (Kollez. Vol: **XLII.ii.983)**

Ghaldaqstant billi d-dritt li qed jigi vantat mir-rikorrent jirrizulta *prima facie* li mhuwiex dritt semplicement dikjaratorju, jew limitat ghat-talba ghad-danni, tqies li irnexxielu jipprova l-ezistenza ta' dan l-element mehtieg ghall-hrug tal-mandat.

**Irrimedjabbilita'**

Ikkonsidrat li l-element tal-ħtieġa għall-ħruġ ta' Mandat bħal dan tintrabat sewwa mal-fatt jekk il-ħsara li minnha l-parti rikorrenti tilminta tistax tkun waħda li ma tistax tissewwa mod ieħor. Jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, mqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu,[12] jiġi nieqes it-tieni element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat.

Tibda biex tghid ghalhekk li taqbel ma dak sottomess mill-Awtorita' fis-sens li r-rakkomandazzjoni kontenuta fid-DPAR hija biss il-fehma tad-Direttorat tal-Ippjanar fuq l-iżvilupp li jkun qiegħed jiġi propost, liema fehma l-Bord tal-Ippjanar (jew il-Kummissjoni tal-Ippjanar) mhuwiex marbut li jaccetta ghalkemm irid jikkunsidra. Daqskemm it-talba tal-applikant tista' tintlaqa', daqstant ieħor tista' tkun miċħuda. Għalhekk, filwaqt li ma jkunx f'waqtu kieku jingħad li din il-fehma tad-Direttorat ma tfisser xejn, daqstant ieħor hu skorrett li tingħata xi impressjoni li l-Bord jimxi b'mod għami mal-fehma tad-Direttorat.

[12] 1P.A. AM **2.1.1993** fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet ***Avukat Victor Borġ Grech vs Joseph Gasan et noe***

Tqis, iżda, li l-jedd mogħti mil-liġi jippresupponi li l-Awtorita' twettaq il-proċess ta' applikazzjoni li tkun saritilha. F'dan il-każ, ir-rikorrent qed jitlob sewwasew iż-żamma tal-imsemmi proċess.

Ma hemmx kontestazzjoni li r-rikorrent huwa *registered objector* fil-proceduri ghall-iprocessar tal-permess in mertu u ghaldaqstant jista' jaghmel sottomissjonijiet quddiem il-Bord kif ukoll jappella quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri). Huwa parti integrali mill-proċess tal-applikazzjoni tal-iżvilupp ta' Raymond Bonavia. Dan ifisser li ghandu l-opportunità li jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu bil-miktub, u ser ikun jista' jattendi għal-laqgħat tal-Bord u jitlob li jagħti l-kummenti tiegħu[13]

Kif tajjeb gie ribadit minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kaz **Trafalgar Company Limited et v L-Awtorita' tal-Ippjanar fis-27 ta' Mejju 2016:**

*"Il-Bord tal-Ippjanar u sussegwentement it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar huwa l-organu maħluq mil-liġi apposta biex iqis u jiddeċiedi dwar l-ilment tar-rikorrenti. Sakemm il-Bord ikun qiegħed jaġixxi entro l-parametri tas-setgħat lilu mogħtija mil-liġi, din il-Qorti, jekk tindaħal, tkun qiegħda tużurpa s-setgħat tiegħu."*

*"Kemm-il darba l-applikazzjoni għal permess ta' żvilupp tiġi milqugħa mill-Bord, ir-rikorrenti jkun jifdalhom saħansitra għadd ta' rimedji oħrajn. Jistgħu jappellaw quddiem*

[13] Digriet tal-Imħallef Anthony Ellul in re: **Jonathan Buttigieg vs. L-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar** mogħti fid-29.01.2016.

*Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, liema appell mhuwiex limitat għal punti ta' dritt biss*[14]*, kif ukoll quddiem il-Qorti tal-Appell bħala terzi interessati*[15]*. Fl-ipoteżi li dawn ir-rimedji ma jiswew għal xejn, ir-rikorrenti xorta waħda jkun fadlilhom rimedji oħrajn ipprovvduti mil-liġi biex iwaqqfu lill-intimat Joseph Portelli milli jiżviluppa."*

Il-kontestazzjoni bejn il-kontendenti tikkoncerna r-rimedju li jista' ikollu r-rikorrent naxxenti mill-qafas legislattiv li jirregola l-izvilupp u l-ippjanar apparti l-proceduri ghall-istharrig gudizzjarju gja istitwiti mir-rikorrent. Ir-rikorrent isostni li l-Bord ser jistrieh fuq il-PC55/10 bhala *approved policy* u kwistjoni dwar il-validita' stess tal-PC55/10 tmur oltre l-*vires* tal-Bord tal-Ippjanar fit-termini tal-artikolu 80 tal-Att dwar l-Ippjanar u l-Izvilupp (Kap 552 tal-Ligijiet ta' Malta) li jiddisponi:

***"80.*** *(1) Il-Bord tal-Ippjanar jista' biss -*
*(a) fil-każijiet ta' frodi; jew*
*(b) meta jkun hemm is-sottomissjoni ta' xi informazzjoni, dikjarazzjoni jew pjanta li hija inkorretta jew li ma tirriflettix is-sitwazzjoni fuq is-sit; jew*
*(ċ) fejn hemm żball f'dokument li jidher minn eżami tal-istess dokument; jew*
*(d) fejn is-sigurtà pubblika hija konċernata, b'deċiżjoni jirrevoka jew jibdel kull permess għall-iżvilupp mogħti taħt dan l-Att, inkluża kull awtorizzazzjoni maħruġa mill-Bord tal-Ippjanar skont xi Ordni, filwaqt li fid-deċiżjoni jagħti r-*

[14] Artikolu 11(1)(e) tal-Kap. 551 tal-Liġijiet ta' Malta, - l-Att dwar it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar
[15] Artikolu 50 tal-Kap. 551 fuq imsemmi

*raġunijiet tiegħu u jrid jindika b'mod ċar il-bażi legali tar-revoka għal dik id-deċiżjoni;...".*

Inoltre skont **l-artikolu 22 tal-Kap 551 tal-Ligijiet ta' Malta** jiddisponi li jista' isir appell minn terz interessat fuq konsiderazzjonijiet ambjentali u, jew, tal-ippjanar.

Id-difensur tal-Awtorita' intimata rrefera ghall-**artikolu 11(3) tal-Kap 551** tal-Ligijiet ta' Malta li jirregola appelli lit-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar li jiddisponi li:

*"(3) Appell lit-Tribunal jista' jiġi ppreżentat fuq kwalunkwe raġuni inkluż:*
*(a) li sar żball materjali dwar il-fatti;*
*(b) li kien hemm żball proċedurali materjali;*
*(ċ) li sar żball ta' liġi."*

u dan oltre appell lill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fuq punt ta' Ligi abbazi tal-artikolu 50 tal-istess Kap 551.

Kif tajjeb intqal mill-Onorabbli Qorti tal-Appell, kolleġġjalment komposta, fil-kawża fl-ismijiet **Carmelo Farrugia vs. L-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar** mogħtija fis-27 ta' Novembru, 2009:

*"Fil-każ ta' applikazzjoni għall-iżvilupp, l-istess liġi li tirregola l-ħruġ tal-permessi relattivi, tirregola kif u meta terzi interessati jistgħu jindaħlu fil-proċess u jressqu l-oġġezzjonijiet tagħhom, anke ta' natura ambjentali, kontra l-ħruġ tal-premess… .... Jekk l-atturi, f'dan il-każ, kellhom xi*

*interess jopponu l-pjan ta' żvilupp, messhom irreġistraw ruħhom bħala "opponents", u b'hekk kien ikollhom id-dritt legali li jsemmgħu leħinhom waqt il-proċess kollu ta' deliberazzjoni. Mhux biss, iżda jekk l-Awtorità tiċħad l-ilmenti tagħhom, kien ikollhom dritt jappellaw quddiem il-Bord tal-Appelli u wara anke jressqu appell, fuq punt ta' liġi, għal quddiem din il-Qorti, Sede Inferjuri*."

Kif qalet din il-Qorti fil-kawza **Fish & Fish Ltd. et. vs. Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**, deċiża fis-26 ta' Ġunju, 2009:

*"L-ilmenti li qed iressqu l-appellanti f'dawn il-proċeduri kienu lmenti li tqegħdu jew setgħu tqegħdu għall-konsiderazzjonijiet tal-Bord tal-Awtorità u, wara, tal-Bord tal-Appell. Il-fatt li r-rikorrenti naqsu milli jsegwu l-proċedura stabbilita biex ikunu jistgħu jsemmgħu leħinhom fil-proċess, ma jagħtihomx dritt li jinvokaw il-ġurisdizzjoni ġenerali ta' dawn il-qrati (ara wkoll **Kunsill Lokali Birzebbuga vs. Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**, deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fis-7 ta' Lulju, 2004, u l-ġurisprudenza hemm indikata)."*

Kif intqal ukoll, il-ġurisdizzjoni tal-Bord tal-Appell hi waħda ampia dan, "*għaliex il-Bord ma ngħatax biss is*-setgħa li jirrevoka jew jikkonferma d-deċiżjoni tal-Awtorità tal-*Ippjanar, iżda ngħata wkoll il-ġurisdizzjoni li jbiddel l-istess deċiżjoni, kif ukoll li jagħti dawk id-direttivi li jidhirlu xieraq*" – **Trapani Galea noe vs. l-Awtorità tal-Ippjanar**, deċiża minn din il-Qorti fid-29 ta' Ottubru, 1999.

Huwa minnu li l-fattispecie tal-kaz in ezami hija eccezzjonali in kwantu l-validita' tal-*policy application* qed tigi diskussa fil-kawza fil-mertu. Madanakollu kwistjoni procedurali li tmiss il-*vires* tal-organi kwazi-gudizzjarji tal-Awtorita' tal-Ippjanar u li ma tirrizultax manifestament la mill-provi u lanqas minn ezami tad-disposizzjonijiet legali fuq citati, tmur oltre l-indagni li tista' ssir f'dawn il-proceduri li huma di natura eccezzjonali u sommarji.

Ghaldaqstant il-Qorti hija tal-fehma li t-talba odjerna hija intempestiva in kwantu mhiex soddisfatta li r-rikorrent qed isofri pregudizzju f'dan l-istadju. L-ilmenti imressqa mir-rikorrent ghandhom l-ewwel jigu epurati skont il-proceduri kkontemplati mill-Kap 551 u 552 tal-Ligijiet ta' Malta fuq citati li permezz tal-istess l-applikazzjoni ta' Raymond Bonavia ghad tista' tigi michuda jew modifikata, u/jew jittiehdu provvedimenti opportuni dwar l-ilment tal-validita' *o meno* tal-PC55/10.

F'dan is-sens, ghalhekk, tqies li l-qagħda attwali ma waslitx fi stadju li ma tistax titreġġa' lura.

Fid-dawl tal-premess din il-Qorti hi tal-fehma li ma huwiex meħtieġ li jinħareġ il-Mandat f'dan l-istadju.

## III. DECIDE.

Ghaldaqstant filwaqt li tirrevoka *contario imperio* d-digriet taghha tat-28 ta' Gunju 2017 fejn laqghet it-talba

provisorjament, u tichad it-talba ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni fit-termini dedotti.

**L-ispejjez jigu sopportati mir-rikorrent.**

**Degretat.**

**Onor. Mhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**27 ta' Lulju 2017**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**27 ta' Lulju 2017**